Body of European Regulators
for Electronic Communications

BEREC

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Ir-Raba' forum tal-Partijiet Ikkonċernati tal-BEREC
## It-titjib tal-konnettività u l-innovazzjoni fl-Ewropa

Fis-17 ta' Ottubru, il-BEREC sejjer jorganizza r-raba' forum tal-Partijiet Ikkonċernati fi Brussell. Din is-sena, dan l-avveniment ewlieni fis-settur tat-telekomunikazzjoni, se jkun iffokat fuq il-programm ta' ħidma tal-BEREC għall-2017 kif ukoll fuq ir-reviżjoni kontinwa tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi. F'dan il-kuntest, il-forum sejjer ikun l-okkażżjoni sabiex jiġu diskussi b'mod partikolari żewġ kwistjonijiet importanti:

- il-provvediment tal-konnettività lil kull ċittadin Ewropew u
- l-iffaċilitar tal-iżvilupp tal-ekonomija diġitali.

Madwar 220 parteċipant huma mistennija jattendu l-forum u jinteraġixxu mal-kelliema, inkluż ħafna atturi mill-ambjenti tat-telekomunikazzjoni u minn dawk diġitali.

**X'inhuma s-soluzzjonijiet li jipprovdu l-konnettività lil kull ċittadin?**

Il-provvediment ta' konnettività lil kull ċittadin huwa prijorità ewlenija, riċentement affermata mill-ġdid mill-Kummissjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, l-investimenti mill-operaturi kif ukoll is-soluzzjonijiet innovattivi sabiex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjonijiet huma essenzjali sabiex ilaħħqu mal-ħtiġijiet li qegħdin jinbidlu malajr tal-utenti finali. L-ewwel diskussjoni madwar mejda sejra tipprovdi l-opportunità sabiex jiġu analizzati dawn is-soluzzjonijiet differenti u tistaqsi dwar ir-rwol tar-regolamentazzjoni fir-rigward tagħhom.

L-ewwel bord ta' kelliema, moderat minn Sharon White, Kap Eżekuttiv tar-regolatur Brittaniku Ofcom, sejjer jipprovdi l-ħsibijiet tiegħu dwar dawn il-kwistjonijiet:

- **Pilar del Castillo**, Membru tal-Parlament Ewropew;
- **Eelco Blok**, CEO tal-operatur Olandiż KPN;
- **Xavier Niel**, id-Deputat President tal-Bord tad-Diretturi u l-Uffiċjal Prinċipali tal-Istrateġija ta' Iliad;
- **Sam Crawford**, Fundatur ta' SamKnows

**Għoti tas-setgħa lill-ekonomija diġitali, x'inhu r-rwol għall-investimenti u r-regolamentazzjoni?**

L-iżvilupp tal-ekonomija diġitali huwa soġġett ukoll għall-attenzjoni intensa. Dan l-ambjent li jinbidel malajr huwa sors ta' innovazzjoni, atturi ġodda u servizzi ġodda iżda wkoll ta' ħafna sfidi regolatorji, kif wera d-dibattitu fuq in-newtralità tal-internet. Bil-maqlub, l-impatt tar-regolament, kif ukoll tal-investimenti, fuq dan is-settur u r-rwol tagħhom bħala dawk li jtejbu l-innovazzjoni jistgħu jiġu kkontestati. Flimkien mal-iżviluppi ewlenin f'dan is-settur, din il-kwistjoni sejra tkun wieħed mis-suġġetti ewlenin diskussi waqt it-tieni diskussjoni madwar mejda.

Il-kelliema għal din id-diskussjoni madwar mejda, moderati minn Johannes Gungl, Direttur Maniġerjali tar-regolatur Awstrijak RTR, sejrin jinkludu lil:

- **Gavin Patterson**, CEO ta' BT Group;
- **Martin Kaiser**, VP tad-diviżjoni tas-Servizzi f'Hager Group;
- **Annina Koskiola**, CEO ta' Proximi.io;
- u **Winston Maxwell**, espert magħruf dwar in-newtralità tal-internet.

Waqt id-diskussjonijiet madwar mejda differenti, il-forum se jkun ukoll l-okkażżjoni sabiex jintlaqgħu l-opinjonijiet mill-parteċipanti dwar il-programm ta' ħidma tal-BEREC għall-2017 li sejjer jiffoka b'mod partikolari fuq l-isfidi tal-konnettività, l-internet miftuħ u r-reviżjoni tal-qafas.

Wilhelm Eschweiler, il-President tal-BEREC għall-2016, u Sébastien Soriano, il-President tal-BEREC għall-2017, sejrin jagħtu l-kummenti tal-ftuħ. Il-Kummissarju Oettinger sejjer jagħlaq il-forum.

L-avveniment huwa miftuħ għall-pubbliku u sejjer jintwera dirett fuq l-internet fil-kont ta' YouTube tal-BEREC. Kulħadd huwa mistieden sabiex jagħti r-reazzjoni tiegħu jew jistaqsi mistoqsijiet direttament lill-kelliema permezz ta' Twitter #BERECforum

Link għall-aġenda: http://berec.europa.eu/eng/events/berec_events_2016/124-4th-berec-stakeholder-forum-meeting